MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1044/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Paul Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Awissu 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm861) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenut wara pagament eccessiv li thallas mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *"early retirement scheme"* u dan wara li l-konvenut innagga u qarraq lis-socjeta' attrici billi ndika b'eghmil doluz ir-rata ta' salarju mhallsa lilu fl-applikazzjoni ghal din l-iskema minnu mimlija.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-avviz u ta' l-ittra bonarja datata Ottubru 1999 u bl-interessi legali mid-data ta' l-istess ittra kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-pagament maghmul mill-kumpanija attrici sar fuq il-kalkoli maghmula minnha in konnessjoni ma' l-*“early retirement scheme”*.

2. Illi l-informazzjoni dwar il-paga tal-konvenut, kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-kumpanija attrici fl-avviz taghha, fuq liema l-konvenut jirriserva d-drittijiet tieghu kontra l-kumpanija attrici, ttiehed minn dokumentazzjoni mahruga mill-kumpanija attrici stess, u l-kalkolu nhadem minn rapprezentanti tal-kumpanija intimata stess, u kien abbazi ta' dan il-kalkolu li wassal ghas-somma ta' Lm14,203 li l-konvenut ddecieda li jaccetta l-offerta maghmula lilu u jirtira mill-impjieg.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici u fis-27 ta' Jannar 1999 applika sabiex jibbenefika minn *“early retirement scheme”* illi dak iz-zmien is-socjeta' attrici kienet qed toffri lill-impjegati taghha. Din l-applikazzjoni giet ipprocessata minn Joseph Baldacchino wara li gie moghti *“pay slip”* minghand il-konvenut. Baldacchino hadem ir-rata dovuta lill-konvenut abbazi ta' din il-“*pay slip”*, izda jidher illi ha zball u uza rata iktar gholja li kienet tinkludi *driving allowance*, biex b'hekk il-konvenut ibbenefika, ghax giet allokata lilu somma ta' flus aktar milli haqqu.

F'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob ir-refuzjoni ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm861) li hija d-

differenza bejn l-ammont illi ha l-konvenut u l-ammont illi kien intitolat ghalih, izda s-socjeta' attrici qieghda tatribwixxi dan l-izball ghal ingann u qerq minnahha tal-konvenut, billi huwa ndika bl-ghemil doluz, rata ta' salarju aktar milli fil-fatt kellu.

Ikkunsidrat:

Illi hawnhekk is-socjeta' attrici qed taghmel akkuza serja hafna fil-konfront tal-konvenut. Qed tallega frodi u ngann, bhala l-kawza l-ghala sar l-izball, ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta' attrici sabiex tipprovdi dan il-frodi u ngann da parti tal-konvenut. Kif jaghllem id-dritt Ruman *"fraus est odiosa et non presumenda"* u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha l-oneru illi twassal dik ic-certezza morali bazata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet illi dan l-ingann kien ezistenti meta l-konvenut ipprezenta l-"*pay slip"* sabiex fuqha tigi mahduma s-somma dovuta lilu.

L-aktar xhud importanti f'din il-kawza huwa Joseph Baldacchino illi pprocessa l-applikazzjoni tal-konvenut u hadem is-somma dovuta. Baldacchino jghid illi normalment huwa jahdem ir-rata fuq rati provduti ufficjalment mill-ufficju ta' l-istess socjeta' attrici, izda peress illi l-konvenut wera certa urgenza, qaghad fuq l-ahhar "*pay slip"* tieghu. Kopja ta' din il-"*pay slip"* qieghda esibita f'dawn l-atti Dokument X fol 16.

Baldacchino jghid illi fuq din il-"*pay slip"* hemm inkluza *driving allowance* biex il-paga tieghu tlahhaq ghal mija u disa u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm149.51c) flok ghal mija u erbghin lira u sittin centezmu (Lm140.60c). Baldacchino ma ndunax b'din id-*driving allowance* u hadem ic-cifra fuq il-mija u disa u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm149.51c). Jammetti illi veru ha zball, pero' dana kien ghaliex afda lill-konvenut. Minkejja dan, irrizulta illi l-applikazzjoni giet ivvetjata minn tnejn minn nies ohra fejn kollha approvaw is-somma li kienet ser tithallas lill-konvenut, sakemm fl-ahhar fit-12 ta' April 1999 sar kuntratt pubbliku in atti Nutar Dr Mario Caruana fejn il-konvenut gie moghti s-somma ta' erbatax-il elf mitejn u tlett liri (Lm14,203) bhala "*retiring gratuity".*

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn il-provi, l-Qorti ma tarax fejn qieghed il-frodi u l-ingann da parti tal-konvenut. Fis-27 ta' Jannar 1999, huwa applika b'mod regolari ghall-iskema ta' irtirar kmieni kif approvata mill-Maltacom. Huwa pprezenta l-ahhar *"pay slip"* tieghu "Dok X" lil Joseph Baldacchino illi turi car kemm kienet il-*basic wage* tieghu. Fil-fatt f'dan id-dokument esebit a fol 16, fuq in-nahha ta' fuq jidher car illi l-*basic pay* tal-konvenut kienet ta' mija u erbghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm140.44c). Huwa biss fit-taqsimiet ta' taht li jidhru d-*driving allowance* biex b'hekk is-salarju telgha ghal mija u disa u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm149.51c). Ma hemm l-ebda ndikazzjoni ta' xi ngann da parti tal-konvenut jew xi pressjoni fuq Joseph Baldacchino biex juza cifra flok ohra.

Id-dokument X li gie pprezentat lil Joseph Baldacchino huwa dokument genwin mahrug ufficjalment mis-socjeta' attrici u qatt ma gie allegat xi tbaghbis da parti tal-konvenut. L-izball kien purament ta' Joseph Baldacchino u ta' hadd iktar u zgur illi ma hemm l-ebda prova illi dan l-izball setgha kien attribwit ghal xi fattur posittiv jew negattiv da parti tal-konvenut. Ma hemmx dubbju illi l-ufficjali tas-socjeta' attrici naqsu meta huma ma ndunawx b'dan l-izball, meta kellhom altru zmien bizzejjed sabiex dana jsir. Fil-fatt, meta wiehed iqis dan il-perjodu jsib li c-cifra nhadmet fid-29 ta' Jannar, 1999, giet approvata fl-24 ta' Marzu,1999 u l-kuntratt finali gie ppubblikat fit-12 ta' April 1999, kwazi erbgha' xhur wara li ttiehed l-izball u minkejja dan, gie osservat biss wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt, fejn allura dana kien jifforma stat guridiku bejn il-partijiet u gustament il-konvenut irrifjuta li jirrifondi flus illi gew mitluba minnu.

Il-Qorti tirrileva illi ma kien hemm l-ebda hazen fit-tehid ta' dan l-izball. Kien zball genwin mehud minn ufficjal tas-socjeta' attrici, li baqa' jigi konfermat kull darba illi ghadda minn ufficjal ghall-iehor. Ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax issa ddur fuq il-konvenut u tghidlu jaghmel tajjeb ghal dan l-izball illi hadet l-istess socjeta' attrici, liema

zball ittiehed minghajr korruzzjoni jew inkella xi operat da parti tal-konvenut, li minnahha tieghu ma ghamel xejn hlief li pprovda l-informazzjoni li giet mitluba lilu u mbaghad fl-ahhar accetta l-figura li giet offruta, liema accettazzjoni saret b'rieda tajba u b'dan l-animu sar il-kuntratt finali tat-12 ta' April 1999. Ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex illi f'dan il-kaz kien hemm xi qerq jew ghemil doluz da parti tal-konvenut kif allegat is-socjeta' attrici fl-avviz, u ghalhekk stante dan in-nuqqas ma tarax kif tista tilqa' t-talba attrici. L-izball kien taghha u trid terfa' r-responsabbilta' tieghu u ma tistax issa titfghu fuq spallejn il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------